MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Numru. 375/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Sultana ta' 61 sena, bin 'l Joseph u Franesca nee' Gatt,**
**imwieled Rabat, nhar il-24 ta' Ottubru, 1947, residenti fil-fond numru Anglu Kustodju, Triq Vestru, Xaghra u detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 86547(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Sultana li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju, 2009, ghal habta ta' 14:15 ta' wara nofsinhar gewwa Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xaghra (Ghawdex):

a) Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok espost ghall-pubbliku;
b) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Sarah Haywood Ward u Parveen Dharar b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Sarah Haywood Ward u Parveen Dharar;
c) Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju, 2008;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel (1) u tieni (2) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi dwar l-akkuza tar-recidiva l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi dwar l-istess u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat izda fuq kollox ir-rapport imhejji mill-Psikjatra Dr. Mark Xuereb;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 209 u 251 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza tar-recidiva, issibu hati tal-kumplament, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjjiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni illi huwa jibqa' jircievi l-kura psikjatraika li jehtieg;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fiz-zmien li huwa jinsab taht din l-Ordni ta’ Probation;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------